I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU**

**tal-25 ta' Mejju 2020**

**dwar riskji tal-likwidità li jirriżultaw minn appelli għall-marġni**

**(BERS/2020/6)**

(2020/C 238/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) L-ikklirjar ċentrali u l-iskambji ta' marġni għal tranżazzjonijiet ikklirjati mhux ċentralment huma ta' benefiċċju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari f'termini tal-ġestjoni tar-riskju tal-kontroparti. L-użu akbar tal-ikklirjar ċentrali tad-derivattivi u l-kollateralizzazzjoni ta' pożizzjonijiet ta' derivattivi mhux ikklirjati ċentralment saħħew b'mod sinifikanti r-reżiljenza tas-swieq tad-derivattivi sa mill-kriżi finanzjarja tal-2008. Dawn ir-riformi – immexxija mill-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja, fuq il-bażi ta' ftehimiet milħuqa fuq il-livell tal-G20 – għenu biex jiġi żgurat li l-istress riċenti fis-suq ma rriżultax fi tħassib mifrux dwar ir-riskju tal-kreditu tal-kontropartijiet. L-ikklirjar ċentrali jimmassimizza wkoll l-opportunitajiet tal-innettjar, u b'hekk ta' tfaddil tal-likwidità, inkluż fir-rigward ta' ħlasijiet għall-varjazzjoni fil-marġni li mekkanikament jirriflettu ċaqliq fil-prezzijiet tas-suq.

(2) Ix-xokkijiet fis-suq, bħal tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-assi u livelli għoljin ta' volatilità tas-suq, isarrfu f'żidiet fil-marġni ta' varjazzjoni u jistgħu jwasslu wkoll għal appelli għall-marġni inizzjali sinifikanti fuq pożizzjonijiet f'titoli f'kontanti, komoditajiet jew derivattivi. Il-marġni huma fundamentali għall-mod kif kontroparti ċentrali (CCP) timmaniġġja r-riskju tal-kreditu tal-kontropartijiet u huma parti integrali tal-ġestjoni tar-riskju u jappoġġjaw ir-reżiljenza sistemika.

(3) Dawk il-kundizzjonijiet tas-suq jista' jkollhom implikazzjonijiet kbar għall-ġestjoni tal-likwidità tal-parteċipanti fis-suq, għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom, u possibbilment anki għas-solvenza tagħhom jekk l-istress tal-likwidità jwassal għal bejgħ bl-għaġġla sistematiku ta' assi.

(4) Fl-aħħar mill-aħħar, l-esternalitajiet li jirriżultaw minn movimenti sinifikanti fis-suq u l-appelli għall-marġni korrispondenti jistgħu jipperikolaw l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

(5) It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u ż-żieda qawwija fil-volatilità tal-prezz taż-żejt irriżultaw, fost affarijiet oħrajn, f'appelli għall-marġni sinifikanti bejn swieq ikklirjati ċentralment u dawk mhux ikklirjati ċentralment. Sa min-nofs ta' Frar 2020, il-marġni inizjali żdiedu – b'mod aktar sinifikanti għal derivattivi elenkati milli għal derivattivi barra l-Borża (OTC) – fid-dawl ta' volumi ogħla ta' tranżazzjonijiet, u bħala risposta għall-mudell tal-marġni għal telf futur potenzjalment ogħla minħabba l-volatilità ogħla tas-suq. Barra minn hekk, is-CCPs ħarġu appelli għal u ġabru ammonti kbar ta' marġni ta' varjazzjoni tal-istess ġurnata li jkopru movimenti fis-suq, bil-ħlas korrispondenti spiss iseħħ biss l-għada filgħodu, bil-konsegwenza li l-likwidità tinżamm temporanjament fil-kontijiet tas-CCPs. Minn dak iż-żmien 'il hawn, f'Marzu ġiet irreġistrata żieda sinifikanti fil-ħlas u r-riċeviment tal-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum fuq portafolji bilaterali.

(6) Ħafna membri tal-ikklirjar raw żieda partikolarment notevoli fil-marġni inizjali u xi membri tal-ikklirjar setgħu esperjenzaw restrizzjonijiet akbar fil-likwidità. Madankollu, ma seħħet ebda inadempjenza f'xi CCP stabbilita fl-Unjoni. L-appelli għall-marġni seta' kellhom impatt sinifikanti fuq entitajiet li mhumiex banek, permezz tal-ikklirjar tal-klijenti jew fi tranżazzjonijiet mhux ikklirjati ċentralment, minħabba restrizzjonijiet għal-likwidità. Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-abbiltà tal-parteċipanti fis-suq li jkopru l-appelli għall-marġni ser tiddependi fuq livelli futuri ta' volatilità u r-reżiljenza kontinwa tal-ġestjoni tal-likwidità tagħhom.

(7) Kollox ma' kollox, il-konċentrazzjoni fil-livell tas-CCPs u l-membri tal-ikklirjar u l-interkonnettività bejn is-CCPs permezz ta' membri tal-ikklirjar, fornituri ta' likwidità, kustodji jew kontropartijiet ta' investiment jistgħu jaggravaw ukoll il-kontaġju tar-riskju ta' likwidità.

(8) L-istandards tekniċi u l-gwida dwar l-antiproċiklikalità (miżuri ta' marġni APC) imdaħħla skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) huma diretti biex jillimitaw ir-riskju tal-proċiklikalità ta' marġni CCP. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 ([4]) jinkludi speċifikazzjonijiet dwar il-proċiklikalità ta' marġni u kollateral, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma meħtieġa li josservaw. L-emendi għal EMIR, li ddaħħlu mir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (EMIR Refit) ([5]), itejbu t-trasparenza tal-issettjar tal-marġni bejn CCPs u membri tal-ikklirjar, iżda l-istess livell ta' trasparenza mhuiex estiż għar-relazzjoni bejn il-membri tal-ikklirjar u l-klijenti tagħhom.

(9) Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) huwa responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni. Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, il-BERS għandu jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' riskji sistemiċi għall-istabbilità finanzjarja, inklużi dawk relatati mal-likwidità. Fit-twettiq tal-kompitu tiegħu, il-BERS jevalwa r-riskji għas-sistema finanzjarja li jistgħu joħorġu minn appelli għall-marġni kbar u jipproponi kif dawn ir-riskji jistgħu jiġu mmitigati.

(10) Il-BERS jirrikonoxxi l-benefiċċji f'termini ta' tfaddil ta' likwidità għas-sistema finanzjarja sħiħa relatati mal-benefiċċju tal-innettjar multilaterali pprovdut mill-ikklirjar ċentrali; il-BERS japprezza wkoll il-benefiċċju sistemiku tal-ikklirjar ċentrali bħala mezz kritiku biex tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja billi jiġu żgurati u żviluppati prattiki sodi ta' ġestjoni tar-riskju f'termini ta' riskju tal-kreditu u riskju tal-likwidità.

(11) Il-BERS jirrikonoxxi wkoll li l-azzjoni politika dwar il-marġni m'għandhiex tipperikola l-protezzjoni kontra r-riskju tal-kreditu tal-kontropartijiet. Il-kontropartijiet, inklużi l-membri tal-ikklirjar ta' CCPs u l-klijenti tagħhom, għandhom jiżguraw li jżommu likwidità suffiċjenti biex jissodisfaw l-appelli għall-marġni b'mod tempestiv. Madankollu, huwa wkoll ta' benefiċċju mill-perspettiva tal-istabbiltà finanzjarja, li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tas-CCPs f'termini ta' ġestjoni tar-riskju ma jgħabbux bla bżonn lill-membri tal-ikklirjar, lill-klijenti tal-membri tal-ikklirjar u lill-kontropartijiet minħabba karatteristiċi proċikliċi eċċessivi, li b'hekk joħolqu b'mod involontarju pressjonijiet fuq il-likwidità, li jistgħu jiżviluppaw fi kwistjonijiet ta' solvenza. B'risposta għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-BERS jantiċipa li s-CCPs jiżguraw li l-ġestjoni tar-riskju u r-reżiljenza tagħhom jibqgħu sodi u jkomplu jipproteġu lill-parteċipanti fis-suq kontra telf li jirriżulta minn inadempjenzi.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklirjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 42).

(12) Ir-Rakkomandazzjonijiet A u D huma mmirati li jiżguraw li bidliet f'daqqa u sinifikanti (li b'hekk huma proċikliċi) u effetti ta' preċipizju relatati mal-marġni inizjali (inklużi marġni ta' żieda) u l-kollateral ikunu limitati: (i) mis-CCPs fil-konfront tal-membri tal-ikklirjar tagħhom; (ii) mill-membri tal-ikklirjar fil-konfront tal-klijenti tagħhom; u (iii) fl-isfera bilaterali, meta jirriżultaw mid-dipendenza mekkanika fuq klassifikazzjonijiet ta' kreditu u possibbilment minn metodoloġiji interni proċikliċi ta' punteġġi kreditizji. L-ippjanar tal-likwidità għandu jkun prevedibbli u maniġevoli safejn ikun possibbli billi jiġu llimitati appelli għall-marġni mhux mistennija u sinifikanti. Il-provvediment ta' perijodi ta' avviż raġjonevoli u infurzabbli għal kwalunkwe bidliet fil-protokolli tal-marġni u tal-haircuts jistgħu jiżguraw li l-parteċipanti fis-suq jadattaw b'mod ordnat.

(13) Ir-Rakkomandazzjoni B hija mmirata biex tiżgura li s-CCPs jaqbdu b'mod komprensiv fl-ittestjar għall-istress tal-likwidità kwalunkwe avveniment li jista' jwassalhom biex jesperjenzaw nuqqas ta' likwidità, bil-għan li jingħataw inċentiv sabiex itejbu l-ġestjoni tad-dipendenza tagħhom fuq fornituri ta' servizzi ta' likwidità. Dan għandu jtejjeb ir-reżiljenza ġenerali tas-suq, peress li hemm grad għoli ta' konċentrazzjoni u interkonnessjoni bejn is-CCPs u l-fornituri ta' servizzi ta' likwidità tagħhom, u li l-ġestjoni tal-likwidità prudenti fil-livell tas-CCP individwali f'dan ir-rigward għandu jtejjeb il-ġestjoni tar-riskju minn perspettiva sistemika u makroprudenzjali.

(14) Ir-Rakkomandazzjoni C hija mmirata li tiżgura li s-CCPs, filwaqt li jżommu r-reżiljenza finanzjarja tagħhom, jillimitaw l-asimmetrija fil-ħlas ta' marġni ta' varjazzjoni miġbura fl-istess ġurnata – u li jfasslu l-oqfsa tal-marġni u l-iskedi tagħhom b'mod sabiex ikunu prevedibbli u jevitaw restrizzjonijiet tal-likwidità eċċessivi għall-membri tal-ikklirjar li jistgħu jwasslu għal avvenimenti ta' inadempjenza.

(15) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni.

(16) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu ppubblikati wara li jkunu ġew infurmati d-destinatarji, u wara li l-Bord Ġenerali jkun informa lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan u sakemm il-Kunsill ikollu l-opportunità li jirreaġixxi.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

## Rakkomandazzjoni A — Limitazzjoni tal-effetti ta' preċipizju b'rabta mad-domanda għall-kollateral

1. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti jipprovaw jiżguraw li s-CCPs janalizzaw il-prestazzjoni tal-politiki tagħhom meħtieġa mill-Artikolu 28 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 153/2013 matul perijodi ta' stress akut u jirrapportaw is-sejbiet tagħhom lill-awtorità kompetenti tagħhom.

2. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti jipprovaw jiżguraw, filwaqt li jqisu s-sejbiet tal-analiżijiet imwettqa b'mod konformi mar-Rakkomandazzjoni A(1), li safejn tippermetti l-liġi u b'mod konsistenti mar-reżiljenza finanzjarja tas-CCPs:

   (i) il-mudelli u l-parametri tas-CCPs għall-issettjar ta' rekwiżiti ta' marġni u l-politiki u proċeduri tas-CCPs għall-aċċettazzjoni u l-valutazzjoni tal-kollateral u għad-determinazzjoni ta' haircuts prudenti ma jirriżultawx bla bżonn u b'mod eċċessiv f'bidliet f'daqqa u sinifikanti li jwasslu għal effetti ta' preċipizju f'marġni inizjali, inklużi marġni ta' żieda, u kollateral. Is-CCPs għandhom jiżguraw li l-mudelli, parametri, politiki u proċeduri tagħhom:

      a. jużaw skala granulari għal mudelli interni ta' punteġġi kreditizji u jadottaw approċċ progressiv li jimplimenta bidliet għar-rekwiżiti ta' marġni, inklużi żidiet, u arranġamenti kollaterali, mingħajr ma jkun hemm dewmien indebitu fir-riflessjoni ta' dan it-tnaqqis fil-grad fil-prattiki ġenerali tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju;

      b. jadottaw approċċ komprensiv għal-limitazzjoni ta' karatteristiċi proċikliċi skont ir-rekwiżiti regolatorji dwar il-proċiklikalità fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, b'mod partikolari f'każ ta' tnaqqis fil-grad tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

   (ii) Is-CCPs jinformaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, lill-awtoritajiet kompetenti, u l-awtoritajiet kompetenti jinformaw lill-membri tal-kulleġġ stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta:

      a. inaqqsu l-ambitu tal-kollateral eliġibbli;

b. jimmodifikaw b'mod materjali l-haircuts tal-kollateral;

c. inaqqsu b'mod materjali l-limiti tal-konċentrazzjoni applikati skont l-Artikolu 42 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013.

Safejn ma tinterferixxix mal-implimentazzjoni f'waqtha tad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju, din l-informazzjoni għandha tingħata fi żmien suffiċjenti qabel l-implimentazzjoni.

3. Huwa rrakkomandat li, safejn tippermetti l-liġi, l-awtoritajiet kompetenti relevanti tal-membri tal-ikklirjar jaħdmu mal-membri tal-ikklirjar fil-kuntest ta' superviżjoni kontinwa sabiex jiżguraw li l-applikazzjoni mill-membri tal-ikklirjar tal-proċeduri tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju meta jipprovdu servizzi tal-ikklirjar lill-klijenti tagħhom ma tirriżultax f'bidliet f'daqqa u sinifikanti u effetti ta' preċipizju f'appelli għall-marġni u l-ġbir ta' marġni — ħlief jekk dawn il-bidliet f'daqqa u sinifikanti u effetti ta' preċipizju jkunu riżultat inevitabbli ta' avvenimenti fis-suq — u ma tirriżultax fi prattiki kollaterali f'każ ta' tnaqqis fil-grad tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, u ma tirrestrinġix b'mod materjali s-sodezza tal-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju adottati mill-membri tal-ikklirjar jew ma taffettwax ir-reżiljenza tagħhom.

4. Huwa rrakkomandat li, safejn tippermetti l-liġi, l-awtoritajiet kompetenti relevanti ta' kontropartijiet finanzjarji u kontropartijiet mhux finanzjarji li jidħlu f'kuntratti derivattivi OTC mhux ikklirjati ċentralment u titoli li jiffinanzjaw tranżazzjonijiet jipprovaw jiżguraw li l-proċeduri tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju ma jirriżultawx, f'każ ta' tnaqqis fil-grad tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, f'bidliet f'daqqa u sinifikanti u f'effetti ta' preċipizju f'appelli għall-marġni u ġbir tal-marġni kif ukoll fi prattiki kollaterali. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi l-kontropartijiet jiġu mħeġġa biex:

(i) jużaw sekwenza progressiva u granulari meta jimplimentaw tnaqqis fil-grad ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu, fil-prattiki ġenerali tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju;

(ii) Iżommu approċċ komprensiv għal-limitazzjoni ta' karatteristiċi proċikliċi skont ir-rekwiżiti regolatorji fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, b'mod speċjali fir-rigward ta' tnaqqis fil-grad tal-klassifikazzjonijiet.

**Rakkomandazzjoni B — Xenarju ta' stress għall-valutazzjoni ta' ħtiġijiet futuri ta' likwidità**

1. Huwa rrakkomandat li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tirrevedi l-abbozz ta' standards tekniċi ([6]) żviluppat taħt l-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(4) ta' dak l-abbozz ta' standards tekniċi, sabiex jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jeħtieġu li s-CCPs jinkludu fix-xenarji ta' stress tagħhom taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 l-inadempjenza ta' kwalunkwe żewġ entitajiet li jipprovdu servizzi lis-CCP u li l-inadempjenza tagħhom tista' taffettwa b'mod materjali l-pożizzjoni tal-likwidità tas-CCP.

2. Sakemm tittieħed xi azzjoni mill-ESMA biex tikkonforma mar-Rakkomandazzjoni B(1) u l-introduzzjoni possibbli ta' leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti, safejn tippermetti l-liġi, jipprovaw jiżguraw li x-xenarji ta' stress taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jinkludu l-inadempjenza ta' kwalunkwe żewġ entitajiet li jipprovdu servizzi lis-CCP u li l-inadempjenza tagħhom tista' taffettwa b'mod materjali l-pożizzjoni ta' likwidità tas-CCP; dawk l-entitajiet jistgħu jinkludu l-fornituri ta' servizzi ta' likwidità, forrnituri ta' servizzi ta' saldu u kwalunkwe fornitur ta' servizz ieħor li l-inadempjenza tagħhom tista' possibbilment taffettwa l-pożizzjoni tal-likwidità tas-CCP.

3. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti, safejn tippermetti l-liġi, jipprovaw jiżguraw li l-azzjonijiet ta' rimedju tas-CCPs biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ta' riżorsi disponibbli biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' likwidità li huwa identifikat billi jiġu applikati x-xenarji ta' stress addizzjonali msemmija fir-Rakkomandazzjoni B(2) jew ir-Rakkomandazzjoni B(1), ladarba l-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni tkun fis-seħħ, ma jixħtux, meta applikati fi żminjiet ta' stress tas-suq, piż addizzjonali fuq il-membri tal-ikklirjar. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-CCPs ifittxu likwidità addizzjonali minn sorsi alternattivi fis-suq.

4. Huwa rrakkomandat li, safejn tippermetti l-liġi, l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jaħdmu mas-CCPs - u safejn ikun possibbli mal-awtoritajiet relevanti f'pajjiżi terzi - biex iwettqu eżerċizzji kkoordinati ta' test tal-istress tal-likwidità li jqisu wkoll l-inadempjenza ta' kwalunkwe żewġ entitajiet kif imsemmi fir-rakkomandazzjonijiet B(1) u B(2).

([6]) Abbozz ta' standards tekniċi taħt ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ESMA/2012/600).

**Rakkomandazzjoni C — Limitazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-likwidità relatati mal-ġbir tal-marġni**

1. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti jipprovaw jiżguraw, safejn tippermetti l-liġi u b'mod konsistenti mal-prattiki adegwati ta' ġestjoni tar-riskju u r-reżiljenza finanzjarja tas-CCPs, li meta s-CCPs joħorġu appelli għall-marġni u jiġbru marġni biex jillimitaw l-iskoperturi kreditizji tagħhom, jimmiraw li jevitaw il-ħolqien ta' restrizzjonijiet tal-likwidità bla bżonn għall-membri tal-ikklirjar, inkluż billi jiżguraw li:

   (i) fir-rigward tal-marġni li jsir appell għalihom u li jinġabru fuq bażi tal-istess ġurnata, u safejn ikun possibbli mill-aspett operazzjonali u legali, is-CCPs jidentifikaw b'mod separat:

      a. il-marġni li tkopri skoperturi potenzjali, inklużi skoperturi li jirriżultaw minn pożizzjonijiet meħuda u nnovati dakinhar;

      b. il-marġni li tkopri skoperturi rrealizzati li jirriżultaw minn movimenti fis-suq dakinhar, li s-CCPs għandhom jikkunsidraw li jiġbru u jħallsu dakinhar stess;

   (ii) meta kollateral ta' marġni inizjali jkun ġie pprovdut minn membru tal-ikklirjar f'eċċess tal-kollateral meħtieġ biex ikopri r-riskju li jirriżulta mill-pożizzjonijiet irreġistrati f'kont, inklużi pożizzjonijiet innovati fl-istess ġurnata u kwalunkwe skopertura akbar imġarrba fl-istess ġurnata, is-CCPs għandhom jipprijoritizzaw, fejn ikun operazzjonalment possibbli, l-użu ta' kollateral eċċessiv fuq il-ġbir ta' kollateral addizzjonali, ħlief jekk il-membru tal-ikklirjar jimposta b'mod volontarju l-marġni ta' żieda. Dan il-proċess għandu jitwettaq b'mod prevedibbli, trasparenti u skedat;

   (iii) Is-CCPs jiżguraw li l-proċess għall-ġbir ta' marġni inizjali u ta' varjazzjoni ma jirriżultax f'restrizzjonijiet operazzjonali eċċessivi għall-membru tal-ikklirjar li jista' joħloq riskju ta' likwidità addizzjonali.

2. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti relevanti tal-membri tal-ikklirjar jimmonitorjaw, u fejn ikun meħtieġ u permess mil-liġi u konsistenti ma' prattiki ta' ġestjoni tar-riskju adegwati u mar-reżiljenza finanzjarja, jaħdmu mal-membri tal-ikklirjar fil-kuntest ta' superviżjoni kontinwa sabiex meta l-membri tal-ikklirjar joħorġu appelli għall-marġni u jiġbru marġni inizjali u ta' varjazzjoni mingħand il-klijenti tagħhom, inklużi kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex jillimitaw l-iskoperturi tal-kreditu tagħhom, huma jimmiraw li jevitaw restrizzjonijiet tal-likwidità bla bżonn għall-klijenti tagħhom. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi jiġi żgurat li:

   (i) meta klijent ikun ipprovda marġni inizjali suffiċjenti biex ikopri r-riskju li jirriżulta mill-pożizzjonijiet irreġistrati mal-membru tal-ikklirjar, inklużi pożizzjonijiet innovati fl-istess ġurnata u kwalunkwe skopertura akbar imġarrba fl-istess ġurnata, il-membri tal-ikklirjar jipprijoritizzaw l-użu ta' eċċess ta' kollateral tal-marġni inizjali fuq il-ġbir ta' kollateral inizjali ħlief jekk il-klijent jimposta volontarjament il-marġni ta' żieda;

   (ii) il-membri tal-ikklirjar jiżguraw li l-proċess għall-ġbir ta' marġni inizjali u ta' varjazzjoni ma jirriżultax f'restrizzjonijiet operazzjonali eċċessivi għall-klijenti li jistgħu joħolqu riskju ta' likwidità addizzjonali.

**Rakkomandazzjoni D — Mitigazzjoni tal-proċiklikalità fil-forniment ta' servizzi tal-ikklirjar għall-klijenti u fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli**

1. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti relevanti jikkontribwixxu biex jiddierieġu d-diskussjonijiet fuq livell internazzjonali, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'fora internazzjonali u f'korpi li jistabbilixxu standards, fejn applikabbli, dwar mezzi biex tiġi mmitigata l-proċiklikalità fi prattiki ta' marġni u haircuts fil-forniment ta' servizzi għall-klijenti relatati ma' derivattivi nnegozjati f'Borża u barra l-Borża kif ukoll tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, kemm jekk ikunu kklirjati ċentralment kif ukoll jekk ma jkunux ikklirjati ċentralment. Dawn id-diskussjonijiet għandhom jimmiraw li jiżviluppaw standards globali li jirregolaw rekwiżiti minimi għall-mitigazzjoni tal-proċiklikalità meta jiġu pprovduti dawn is-servizzi.

2. Jekk jiġu ffissati dawk l-istandards globali, huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra tipproponi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ddaħħalhom is-seħħ.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

## 1. Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità maħtura minn Stat Membru skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) "CCP" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(c) "ikklirjar" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(d) "membru tal-ikklirjar" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(14) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012;

(e) "derivattiva" jew "kuntratt derivattiv" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012;

(f) "awtorità kompetenti relevanti" tfisser l-awtorità kompetenti msemmija fil-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u l-awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru skont u għall-finijiet tal-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(g) "kontroparti finanzjarja" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012;

(h) "kontroparti mhux finanzjarja" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(i) "klijent" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

## 2. Kriterju għall-implimentazzjoni

Fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li jitqiesu l-għan u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni.

## 3. Skeda ta' żmien għas-segwitu

Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, id-destinatarji jridu jikkomunikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS, l-azzjonijiet li jkunu ħadu b'reazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni jew jissostanzjaw kull nuqqas ta' azzjoni. Il-komunikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'mod konformi ma' dawn l-iskedi ta' żmien.

1. *Rakkomandazzjoni A*

(a) Sat-30 ta' Novembru 2020, l-awtoritajiet kompetenti huma mitluba li jissottomettu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet A(1) u A(2).

(b) Sat-30 ta' Novembru 2020, l-awtoritajiet kompetenti relevanti huma mitluba li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet A(3) u A(4).

2. *Rakkomandazzjoni B*

(a) Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-ESMA hija mitluba li tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni B(1).

(b) Sat-30 ta' Novembru 2020, l-awtoritajiet kompetenti huma mitluba li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet B(2), B(3) u B(4).

3. *Rakkomandazzjoni C*

(a) Sat-30 ta' Novembru 2020, l-awtoritajiet kompetenti huma mitluba li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C(1).

(b) Sat-30 ta' Novembru 2020, l-awtoritajiet kompetenti relevanti tal-membri tal-ikklirjar huma mitluba li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C(2).

4. *Rakkomandazzjoni D*

   (a) Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet kompetenti relevanti huma mitluba li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni D(1).

   (b) Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni hija mitluba li tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS il-formola fl-Anness I dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni D(2).

## 4. Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Il-Bord Ġenerali għandu jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet ikkomunikati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jista' jiddeċiedi li din ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx segwita u li destinatarju naqas milli jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għan-nuqqas ta' azzjoni tiegħu.

2. Il-metodoloġija ppreżentata fil-Manwal dwar il-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS ([7]), li tiddeskrivi l-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS, mhijiex applikabbli.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Mejju 2020.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*f'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

([7]) *Handbook on the assessment of compliance with ESRB* recommendations (Manwal dwar il-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS), April 2016, disponibbli fuq https://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/recommendations/160502_handbook.en.pdf

*ANNESS I*

**Komunikazzjoni tal-azzjonijiet meħuda b'risposta għar-rakkomandazzjoni**

1. **Dettalji tad-destinatarju**

| | |
|---|---|
| Rakkomandazzjoni | |
| Pajjiż tad-Destinatarju | |
| Istituzzjoni | |
| L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rispondent | |
| Data tal-komunikazzjoni | |

2. **Komunikazzjoni ta' azzjonijiet**

| **Rakkomandazzjoni** | Inti tikkonforma? (iva/le/mhux applikabbli) | Deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda biex tiġi żgurata konformità | Ġustifikazzjoni għal konformità parzjali jew non-konformità |
|---|---|---|---|
| Rakkomandazzjoni A(1) | | | |
| Rakkomandazzjoni A(2) | | | |
| Rakkomandazzjoni A(3) | | | |
| Rakkomandazzjoni A(4) | | | |
| Rakkomandazzjoni B(1) | | | |
| Rakkomandazzjoni B(2) | | | |
| Rakkomandazzjoni B(3) | | | |
| Rakkomandazzjoni B(4) | | | |
| Rakkomandazzjoni C(1) | | | |
| Rakkomandazzjoni C(2) | | | |
| Rakkomandazzjoni D(1) | | | |
| Rakkomandazzjoni D(2) | | | |

3. **Noti**

1. Din il-formola tintuża għall-komunikazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

2. Kull destinatarju għandu jissottometti l-formola mimlija lill-BERS permezz tas-Segretarjat tal-BERS elettronikament permezz ta' DARWIN fil-folder apposta jew permezz tal-posta elettronika lil notifications@esrb.europa.eu. Is-Segretarjat tal-BERS ser jagħmel arranġamenti għat-trażmissjoni tal-komunikazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fuq bażi aggregata.

3. Jekk rakkomandazzjoni ma tapplikax, jekk jogħġbok agħżel "mhux applikabbli" fil-kaxxa "Inti tikkonforma?"

4. Id-destinatarji huma mistennija li jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni relevanti kollha relatati mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, inkluża informazzjoni dwar is-sustanza u t-tempestività tal-azzjonijiet meħuda.

5. Jekk destinatarju jikkonforma biss parzjalment, għandu jipprovdi spjegazzjoni sħiħa tal-grad tan-nuqqas ta' konformità, kif ukoll dettalji oħra tal-konformità parzjali. L-ispjegazzjoni għandha tispeċifika b'mod ċar il-partijiet rilevanti tar-rakkomandazzjoni li ma jikkonformawx magħhom id-destinatarji.